# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru 48**

**Citaz. numru 1374/84 DS**

Francis Xavier sive Mose` Aquilina
vs
Emanuel J. Aquilina bhala Managing Director tas-socjeta` M.C.L. Limited in rapprezentanza tal-istess, u b'digriet tad-19 ta' Jannar 1994 stante l-mewt ta' Lino Aquilina l-gudizzju gie trasfuz f'isem Margaret armla minn Lino Aquilina f'isimha proprju u bhala mandatarja verbalment kostitwita ta' bintha Emma Aquilina, kif ukoll Anthony, Edgar, Erminia Borg Testaferrata, Joseph, Helen u Julia, ahwa Aquilina, u b'digriet tas-17 ta' Marzu 1995 id-digriet tad-19 ta' Jannar 1994 gie revokat *contrario imperio*

Illum, 14 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Ottubru 1994 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur ilu direttur tas-socjeta' konvenuta sa mill-1954 u fl-1980 hu kellu salarju ta' mija u tlieta u ghoxrin lira u tnejn u tmenin centezmu (Lm123.82) fix-xahar bl-awment skond is-zieda tal-Budget governattiv;

Illi l-konvenut ilu ma jhallas dan is-salarju sa mill-1 ta' Mejju 1980 u l-attur ghandu jiehu b'kollox sat-30 ta' Settembru 1984 sebat elef seba mija wiehed u sebghin lira u wiehed u tletin centezmu;

Illi mas-salarju jrid jizdied il-bonus li jammonta sat-30 ta' Gunju 1984 ghal erba mija u tnejn u tmenun lira (Lm482);

Illi l-attur kien ukoll intitolat ghal "allowance" ta' hamsin lira fix-xahar, u ghal-istess perjodu hu ghandu jiehu elfejn sitt mija u hamsin lira (Lm2,650);

Illi l-interessi "a scaletta" fuq is-somom imsemmijin jammontaw sat-30 ta' Settembru 1984 ghal elfejn u sbatax il-lira u disa u tletin centezmu (LM2,017.39);

Illi dawn id-debiti huma certi, likwidi u skaduti u l-attur qieghed jippresenta ma din ic-citazzjoni affidavit giuramentat skond l-artikolu 167(1) tal-Kap. 15 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. A);

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur bhala salarju u bonus kif fuq indikati s-somma globali ta' tmient elef u mitejn tlieta u hamsin lira u wiehed u tletin centezmu (Lm8,253.31);

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur bhala "allowance" is-somma fuq indikata ta' elfejn sitt mija u hamsin lira (Lm2,650);

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas "a scaletta" l-interessi fuq is-somom imsemmija ammontanti sat-30 ta' Settembru 1984 ghal elfejn u sbatax il-lira u disa u tletin centezmu (Lm2017.39);

4. tiddeciedi din il-kawza skond it-talbiet bid-dispensa tat-trattazzjoni.

Bl-interessi ulterjuri bit-8% mill-1 ta' Ottubru 1984 u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' zewg ittri ufficjali tal-5 ta' Lulju 1983 u tal-15 ta' Mejju 1984. Bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Ill- t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-attur kien jithallas ghaliex hu kien jahdem regolarment fil-fabbrika tas-socjeta’ konvenuta u mhux ghaliex hu direttur tal-istess socjeta’.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-11 ta’ April 1985 fejn gie nomnat Dr. Mark Said bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-17 ta’ April 1989 fejn ghall-imsemmi perit legali li accetta kariga mal-Gvern, gie nominat Dr. Norval Desira;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine pprezentata fid-29 ta’ April 1992 fejn eccepixxa illi l-azzjoni attrici hija preskritta a termini ta’ l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Rat il-verbal fis-seduta peritali tas-17 ta’ Frar 1995 fejn l-avukat difensur tal-konvenut nomine ndika li l-artikolu rilevanti dwar preskrizzjoni huwa l-artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili u mhux dak erronejament indikat fin-nota ta’ eccezzjonijiet;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Ottubru 2000 fejn il-Qorti ordnat li l-perit legali jirritorna minnufih l-atti kollha fil-pussess tieghu stante li naqas milli jipprezenta r-rapport tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**I. Rappresentanza tas-socjeta’ konvenuta**:

Emanuel J. Aquilina miet fil-mori tal-kawzi u cioe` fil-25 ta’ Marzu, 1993 u l-eredi tieghu intavolaw rikors fis-17 ta’ Novembru 1993 sabiex il-gudizzju fil-kawza ikun trasfuz f’isimhom (Fol 66). Din il-talba kienet intlaqghet izda permezz ta’ rikors sussegwenti l-istess eredi ddikjaraw illi

huma kien ghamlu t-talba taghhom bi zball ghaliex bhala eredi ma kelhom l-ebda locus standi u dritt li jirrapprezentaw lis-socjeta` konvenuta u talbu li jkun revokat id-digriet precedenti. Il-Qorti laqghet il-talba (fol 73 u 74) u mis-17 ta' Marzu 1995 ma kienx hemm proceduri ta' bdil ta' rappresentanza.

L-Att XXIII tal-1995 introduca inter alia l-artikolu 181 A bhala disposizzjoni ghall-Kap 12. Dan l-artikolu jghid hekk:

> *181A (1) Meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita' guridika distinta, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem dak il-korp.*

L-artikolu 362 tal-istess Att jipprovdi, bhala disposizzjoni transitorja, is-segwenti:

> *362 (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dawn is-subartikoli ta' dan l-artikoli li gejjin, id-disposizzjonijiet tal-ligi principali kif emendati b'dan l-Att u d-disposizzjonjiet tal-ligijiet imsemmija fl-Iskeda... ghandhom jghoddu ghall-proceduri kollha li jkunu pendenti quddiem xi qorti jew tribunal li ghalihom jghoddu dak il-kodici jew dawk il-ligijiet, u li f'dik id-data jkunu ghadhom pendenti u ma ghaddewx f'gudikat.*

Ghalhekk dawn l-atti jistghu jipprocedu in gudizzju nonostante l-fatt illi fil-mori tal-kawza mietet il-persuna li kienet tirrapprezenta lis-socjeta` konvenuta.

## II. Preskrizzjoni

Il-konvenut nomine eccepixxa l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Hekk kif il-konvenut nomine intavola din l-eccezzjoni ulterjuri, il-Qorti ordnat lill-perit legali jiehu konjizzjoni taghha. Izda waqt is-seduta peritali tas-17 ta' Frar 1995, l-avukat difensur tal-konvenut ivverbalizza is-segwenti: "Dr. Buttigieg jaghmel referenza ghan-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri rigwardanti l-preskrizzjoni u jindika illi l-artikolu tal-Kodici Civili rilevanti huwa l-artikolu 2147 (c) tal-istess Kodici u mhux dak erronjament indikat fl-istess nota ta' eccezzjonijiet, u cioe` dak is-subartikolu li jirrapprezenta l-hlas ta' salarji li jithallas bix-xahar. Dan l-artikolu jghid hekk:

> *2147 – "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena:*
>
> *(c) azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata, ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu.*

Kontra ghal-dak li jghid il-konvenut nomine fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-artikolu 2111 tal-Kap 16 ighid illi l-Qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata. In segwitu, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tinvoka l-applikazzjoni tal-artikolu 2160 li jghid:

*2160 – "Il-preskrizzjonijiet …… m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.*

Lino Aquilina miet fil-25 ta' Marzu 1993 meta l-eccezjoni tal-preskrizzjoni inghatat fid-29 ta' April 1992 u l-Qorti kienet ordnat lill-perit legali li kien innominat biex jirrelata dwar il-kaz, sabiex jiehu konjizzjoni ta' din l-istess eccezzjoni. (Fol 61). Billi l-perit legali kien naqas li jipprezenta ir-relazzjoni tieghu, l-Qorti kienet ordnatlu jirritorna l-inkartament. Mill-inkartament jirrizulta illi l-ewwel okkazzjoni fejn din l-eccezzjoni kienet trattata quddiem il-perit legali kienet fis-17 ta' Frar tal-1995 fejn l-avukat difensur tal-konvenut nomine informa lill-partijiet illi mill-mewt ta' Lino Aquilina sa dak inhar ma kienx ghadu sar General Meeting tal-kumpanija biex jinhatar Managing Director jew rapprezentant tal-istess kumpanija. Fis-seduta tat-18 ta' Frar 1998 quddiem il-perit legali, l-avukat tal-konvenut iddikjara illi ma kellux aktar provi.

L-artikolu 2160 tal-Kodici Civili dejjem kien interpretat b'mod illi minn jeccepixxi l-preskrizzjoni jehtieglu jixhed viva voce dwar il-kwezit hemm imnizzel u cioe` li mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-haga hix mhallsa. In-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri mhix akkumpanjata minn dikjarazzjoni guramentata f'dan ir-rigward u dwar dan jista' forsi jqum id-dubju dwar il-modus kif l-eccipjent ghandu jikkonferma l-istqarrija tieghu. F'dan ir-rigward, izda, qed issir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kummercjali tat-18 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet **Lorraine Pirotta noe vs Frederick Zammit Gera et noe** ( (Koll Vol LXXIX 1995 Pt II Sez. I-II) fejn bazikament intqal illi anke jekk l-eccezzjoni

tal-preskrizzjoni tkun guramentata meta hekk prezentata, dment illi ma ssirx il-prova skond l-artikolu 2160 Kap 16 il-Qorti xorta ma tistax tiddeciedi favur l-eccipjent ghaliex jitqies li ma tkunx ingiebet prova dwar dik l-eccezzjoni

Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tirnexxi stante li ma sarx dak rikjest mill-artikolu 2160 tal-Kap 16 billi ma sartix konferma bil-gurament li l-konvenut mhux debitur jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa.

**III Il-Mertu**

Dwar il-mertu jehtieg li ssir l-osservazzjoni illi l-attur donnu qed jaghmel pretensjoni ghall-hlas ta' paga qua impjegat tal-kumpanija konvenuta u donnu qed jaghmel pretensjoni ghall-hlas ta' salarju bhala direttur tal-istess kumpanija u dan minkejja illi huwa jippreciza illi qed jitlob salarju bhala direttur. Il-talba tal-attur hija bazata fuq paga, bonus u allowances u zidiet governattivi.

L-attur qatt ma qal illi huwa kien impjegat tas-socjeta` konvenuta u ma ressaq l-ebda prova li turi illi huwa kien f'din il-pozizzjoni. Fil-premessi tac-citazzjoni tieghu l-attur ighid illi huwa kien direttur tas-socjeta` konvenuta u kellu salarju ta' Lm123.82. Fid-depozizzjoni tieghu l-attur ighid illi kien jahdem b'mod regolari sal-1980; fil-perijodu bejn l-1975 u 1980 kien anke ipprepara l-balance sheet hu. Ghalkemm kien hemm hafna bdil fil-karigi tieghu huwa ma jaghmel l-ebda ilment ghaliex sa dak iz-zmien kien jithallas salarju. Minkejja dan, fid-depozizzjoni tieghu tat-18 ta' Frar 1986 l-attur ighid "ili ma nidhol fil-fabbrika mill-1980." u

“ Sal-bidu tal-1980 bqajna niffirmaw it-tnejn. Imbaghad meta tlaqt ma nafx ezatt x’gara.” (24 ta’ Marzu 1986). Din ix-xhieda taghti lok ghal domanda retorika u cioe` liema persuna ghandha dritt tithallas salarju ta’ xoghol li qatt ma ghamlet? L-attur stess jikkonferma illi huwa qatt ma resaq fil-fabbrika mill-1980 u fl-istess nifs ighid illi huwa dovut salarju mill-ewwel ta’ Mejju 1980 sat-30 ta’ Settembru 1984. Il-Qorti ssibha difficli li tirrikoncilja dawn iz-zewg dikjarazzjonijiet.

Ghalhekk jidher li l-kontensjoni ta’ l-attur hi li qua direttur tal-kumpanija ghandu dritt ma jersaqx lejn il-fabbrika izda xorta jkun lilu dovut hlas ghal-kariga u responsabilita` tieghu.

Dwar il-pretensjoni tal-attur ghall-hlas ta’ salarju bhala direttur, il-konvenut issolleva il-punt illi s-salarju tad-diretturi tas-socjeta` konvenuta seta’ jinghata biss lid-diretturi bl-approvazzjoni tal-Annual General Meeting. Huwa esebixxa kopja tal-Memorandum & Articles of Association tas-socjeta` konvenuta. Din is-socjeta` kienet kostitwita fl-1953 bhala limited liability company qabel il-promulgazzjoni tal-Ordinanza Nru. X tal-1962 (Kap 168 ligijiet riveduti tal-1984) li tirregola is-socjetajiet kummercjali u ghalhekk permezz ta’ Att Pubbliku ai termini tal-artikolu 133 tal-Kodici tal-Kummerc vigenti fl-1953 (Kapitolu 17 Ligijiet ta’ Malta 1942). Fl-1962 kienet promulgata l-Ordinanza numru X li tirregola is-socjetajiet kummercjali u li giet fis-sehh fid-19 ta’ April 1965. L-artikolu 196 ta’ din l-Ordinanza hassar it-Titolu VII tal-Kodici Kummercjali vigenti dak-inhar u cioe it-titolu li bis-sahha tieghu kienet kostitwita s-socjeta` konvenuta b’rizerva. Il-konvenut esebixxa kopja awtentikata ta’ att li juri illi s-socjeta` konvenuta kienet debitament registrata fir-registru tas-socjetajiet kummercjali skond l-Ordinanza tal-1962 u ghalhekk jirrizulta illi din

s-socjeta` ikkonformat mar-rekwiziti tal-Ordinanza li minn dak in-nhar bdiet ukoll tirregola lis-socjeta` konvenuta.

Minn ezami tal-istess statut ma jirrizultax illi d-diretturi kellhom xi dritt jistabilixxu u/jew ivarjaw salarji taghhom.

L-artikolu 8 tal-memorandum tas-socjeta` konvenuta jipprovdi hekk:

> *8. The administration of the Company shall rest in the Board of Directors, which shall have all powers, saving those expressly reserved to the General Meeting, in connection with the objects of the Company, including the following:*
>
> *(i) To raise or borrow in such manner or as they deem expedient any monies and to secure the repayment by granting a hypothec of the Company's property. A resolution to this effect shall require for its validity the unanimous vote of the Board;*
>
> *(ii) To make, accept, endorse, discount, execute, and issue promissory notes, bills of exchange, warrants, debentures and other negotiable or transferable instruments;*
>
> *(iii) To distribute among the members of the Company in specie any property of the Company.*

L-Ordinanza numru X tal-1962 kienet sostitwita bl-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji, izda la darba din il-kawza kienet intavolata fl-1984 huwa l-Ordinanza tal-1962 li ghandha tapplika fid-decide. Din l-Ordinanza tipprovdi l-hekk imsejha Skeda Numru Wiehed li ghandha tifforma parti minn kull statut ta' socjeta` kummercjali bhala Articles of Association sakemm dan ma jkunx provdut fil-Memorandum purche` dawn ma jmorrux kontra l-istess Skeda (art 72). Fil-kaz in dizamina, kif fuq intqal, ma hemm ebda provvediment dwar remunerazzjoni tad-diretturi.

Ir-Regolament Nru 51 tal-Iskeda I tal-Ordinanza, (Kap 168 ligijiet riveduti tal-1984)  allura applikabbli *ipso jure*, jipprovdi hekk:

> *Il-kumpens tad-diretturi ghandu minn zmien ghal zmien jigi iffissat mill-kumpanija f'laqgha generali. Dan il-kumpens ghandu jitqies li jingema minn guranta ghal-ohra. Id-diretturi jistghu wkoll jithallsu ta' l-sipejjez kollha tat-trasport, tal-lukanda u tal-ispejjez l-ohra li jsiru kif jixraq minnhom biex imorru ghal u jergghu lura mill-laqghat tad-diretturi jew ta' xi kumitat tad-*diretturi *jew laqghat generali tal-kumpanija jew dwar negozju tla-kumpanija.*

Mill-atti kollha tal-kawza ma hemm l-ebda prova li qatt saret xi laqgha generali li stabiliet jekk u kemm ghandu jkun is-salarju tad-diretturi tal-kumpanija konvenuta.

Qed  issir referenza ghall-ahjar sors tal-ligi taghna  dwar il-kumpaniji u cioe` il-legislazzjoni u awturi Inglizi relevanti ghall-epoka. Ic-Charlesworth & Cain – Company Law (Twelfth Edition – Stevenson & Sons 1983) a Fol 353 ighid hekk:

> *Directors as such are not servants of the Company, but managers or controllers of the company's affairs. Accordingly they have no claim to payment for their services unless, as is usual, there is a provision for payment in the articles.*

L-artikolu 76 tal-ligi Ingliza huwa kelma b'kelma b'har-regolament 51 tal-Ordinanza fuq citat.  A fol 355 l-awtur ighid:

> *Unless authorised by the articles, directors cannot vote remuneration to one of themselves or appoint one of their number to a salaried position with the company. It has been said the "Directors have no right to be paid for their services, and cannot pay themselves or each other, or make present  to themselves out of the company's assets, unless authorised so to do by the instrument which regulates the company or by the shareholders at*

*a properly convened meeting" u dan kif ritenut fis-sentenza Re George Newman & Co (1985) Ch 674 (C.A.).*

F'sunt ta' sentenza ohra l-awtur ighid hekk:

> *The article governing directors' remuneration was the same as Table A, article 76 [Skeda I Reg 51 fil-kaz tal-Ordinanza]. The directos passed a resolution appointing K., one of the direcots. 'overseas director" at a salary of 1,800 a year. In pursuance of this appointment K. was obliged to go, and did go to 'Australia. He sued for arrears of salary. Held: the appointment was ultra vires the board, so that K. could not recover the arrears of salary and was liable to refund salary already received Kerr v Marine Products Ltd (1928) 44 T.L.R. 292*

Fid-decizjoni taghha fil-kawza **Av. Leslie Grech noe vs Dr. Emanuel Buttigieg noe et** (19 ta' Mejju 1986, Vol LXX.iii.318), il-Qorti tal-Appell elenkat l-importanza tal-awtorizazzjoni tal-laqgha generali biex tapprova certu hwejjeg. F'din il-kawza kien pruvat illi qabel ikun iffirmat Mortgage fuq bastiment, skond l-istatut de quo, kien jehtieg l-approvazzjoni f'laqgha generali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk kienet iddikjarat validu il-Mortgage limitatament sa l-ammont tal-kapital azzjonarju u annullatu in kwantu ecceda il-valur rimarrenti tieghu. F'dan il-kaz id-direttur konvenut kien l-uniku direttur fis-socjeta` li iskriviet mortage favur l-istess direttur. Il-Qorti tal-Appell irriteniet, *inter alia*:

> *[Illi] isegwi ghalhekk li skond it-termini ta' l-imsemmija Regolament 53 [ tal-Iskeda I] il-konvenut appellant nomine ma kellux is-setgha li jaddebita n-negozju, proprjeta' u kapital tal-kumpanija mhux imsejjah jew parti minnu f'ammont li jeccedi l-ammont nominali tal-kapital azzjonarju tal-*kumpanija mahrug f'dak iz-zmien li, kif inghad, jirrizulta li kien hames mitt lira Maltija (LM500).

Kif gia` inghad, ma hemm l-ebda prova li qatt sar General Meeting sabiex ikun stabilit is-salarju tad-diretturi, anzi, ingiebet prova li tali General

Meeting qatt ma sar.   Mill-fuq citati artikoli u sentenzi jidher illi s-salarju tad-diretturi mhux wiehed li jista' jkun implicitu jew b'xi mod stabilit b'mod tacitu mid-diretturi jew il-membri u ghalhekk il-pretensjonijiet attrici huma insostenibbli.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**